32000L0015

L 105/34 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 3.5.2000

# ID-DIRETTIVA 2000/15/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## ta' l-10 ta' April 2000

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE dwar problemi ta' saħħa li jaffettwaw kummerċ intra-Komunitarju f'annimali bovini u majjali

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152 tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li l-Kumitat tar-Reġuni ġie kkonsultat,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Kemm id-Direttiva 64/432/KEE ([4]) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 tal-21 ta' April 1997 li jistabbilixxu sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini u li jirrigwardaw l-ittikkettar taċ-ċanga u ta' prodotti taċ-ċanga ([5]) jirreferu għall-kreazzjoni ta' *databases* tal-kompjuter, għal annimali bovini u porċini, sabiex jaħżnu informazzjoni dwar annimali u l-movimenti tagħhom.

(2) L-implimentazzjoni approprjata ta' *databases* nazzjonali funzjonali għar-reġistrar ta' movimenti ta' annimali porċini għandha tiġi żgurata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 64/432/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 14(3)(ċ)(3), it-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b' li ġej:

   "Madankollu, biss il-punti 2, 3 u 4 għandhom ikunu applikabbli għal annimali porċini.";

2. Il-punt li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 14(3)(ċ):

   "4. Sabiex tiġi assigurata l-operazzjoni tad-*databases* nazzjonali tal-kompjuter li jikkonċernaw annimali porċini, regoli approprjati ta' applikazzjoni, inkluża l-informazzjoni li d-*databases* nazzjonali għandhom jikkontjenu, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.";

3. L-Artikolu 18 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

   "*Artikolu 18*

   Dawk l-Istati Membri li ma introduċewx sistema approvata ta' sorveljanza b'*network* għandhom jassiguraw li *database* tal-kompjuter li tikkonforma mad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14 hija kompletament operazzjonali kif ġej:

   (a) għall-annimali bovini, mill-31 ta' Diċembru 1999;

   (b) għar-reġistru ta' azjendi ta' annimali porċini, li jikkonformaw mad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(ċ)(2) mill-31 ta' Diċembru 2000;

   (ċ) għall-movimenti ta' annimali porċini, li jikkonformaw mad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14(3)(ċ)(3):

   — mill-azjenda tat-twelid tagħhom, sal-31 ta' Diċembru 2001,

   — mill-azjendi l-oħrajn kollha, sal-31 Diċembru 2002.

   Għandu jkun hemm iskrizzjoni fid-*database* għal kull moviment separat ta' annimali porċini. L-iskrizzjoni għandha tinkludi għall-inqas dan li ġej: in-numru ta' annimali porċini li jkunu qed jiġu mċaqalqa, in-numru ta' identifikazzjoni ta' l-azjenda jew il-merħla tat-tluq, in-numru ta' identifikazzjoni ta' l-ażjenda jew il-merħla tal-wasla u d-dati tat-tluq u tal-wasla.".

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom imbagħad jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ewlenija ta' liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

---

([1]) ĠU C 100, tat-2.4.1998, pġ. 23.
([2]) ĠU C 235, tas-27.7.1998, pġ. 59.
([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 1998 (ĠU C 210, tas-6.7.1998, pġ. 30.) konfermata fis-16 ta' Settembru 1999. Il-Pożizzjoni komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Jannar 2000 (ĠU C 83, tat-22.3.2000, pġ. 84) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2000.
([4]) ĠU 121, tad-29.7.1964, pġ. 1977/64. Id-Direttiva emendata u aġġornata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/12/KE (ĠU L 109, tal-25.4.1997, pġ. 1.) u l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/99/KE (ĠU L 358, tal-31.12.1998, pġ. 107.)
([5]) ĠU L 117, tas-7.5.1997, pġ. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, l-10 ta' April 2000.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew Għall-Kunsill* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| N. FONTAINE | J. GAMA |